# L-ATTAKK TAT-TOROK TAL-1614
## LAQTA FOLKLORISTIKA

Fiona Vella


## ASTRATT

L-għan ta' dan l-istudju huwa li janalizza l-folklor relatat mal-attakk Ottoman li seħħ fiż-Żejtun u fl-inħawi tal-madwar, fis-6 ta' Lulju 1614. Qed jinkludi stħarriġ tal-ġrajjiet li twasslu minn ġenerazzjoni għal oħra, kif ukoll riċerka dwar l-użanzi u t-tradizzjonijiet li huma maħsuba li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-ħbit, u kif dawn evolvew matul is-snin. L-essenza tal-folklor huwa l-ispontanjetà tiegħu u n-natura organika li jitnissel biha hekk kif maż-żmien, ir-rakkonti u t-tifkiriet tal-esperjenzi tan-nies, jibqgħu jiġu rrakkuntati u mfakkra sakemm eventwalment, dawn jibdew jiffurmaw parti mill-ġrajja tal-post. Iżda kif soltu jiġri, żidiet jew tnaqqis f'dawn ir-rakkonti u t-tifkiriet, wara xi żmien, spiss joħolqu kunflitt sottili bejn dak li kien seħħ tassew u bejn dak li huwa maħsub li ġara. Huwa għalhekk li dan l-istudju qed jiġbor uħud mir-rakkonti li akkumulaw matul iż-żmien, partikolarment dawk li b'xi mod jew ieħor għandhom x'jaqsmu ma' dan l-avveniment li seħħ fil-bidu tas-seklu 17, ħalli b'hekk tiġi evalwata din l-informazzjoni, u sa fejn hu possibbli, jipprova jinstab l-għerq tas-sors oriġinali.


## INTRODUZZJONI

Insibu diversi kitbiet dwar l-Assedju l-Kbir tal-1565, meta t-Torok attakkaw lil pajjiżna bil-ħsieb li jieħdu l-gżejjer Maltin minn taħt idejn il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, iżda mbagħad tilfu l-ġlieda. Min-naħa l-oħra, ftit li xejn naqraw dwar l-attakk Ottoman li seħħ ftit tas-snin wara, fl-1614, akkost li dan ukoll jifforma parti importanti mill-istorja ta' pajjiżna. Iżda dan ma jfissirx li mhux possibbli li nirkupraw din l-istorja. Infatti, kif urew bosta riċerkaturi, parti sostanzjali mill-istorja tagħna qiegħda miġbura f'arkivji antiki u imprezzabbli li wħud minnhom għadhom qed jistennew bil-ħerqa li jingħataw l-attenzjoni xierqa (Vella 2014, Marzu 16). Barra minn hekk, il-passat tagħna jista' jistagħna b'dimensjoni differenti billi niġbru u nanalizzaw l-istorja orali lokali, flimkien mal-użanzi u t-tradizzjonijiet relatati. Leħen il-passat hu importanti għall-preżent u kif ġieli rajna f'każi oħra, l-evidenza orali spiss ikkontribwiet sabiex jinħolqu perspettivi ġodda li jistgħu jwasslu għal investigazzjoni differenti. Għalkemm aħna dejjem insostnu li għandna niġbru provi u informazzjoni li finalment iwasslu għal storja fattwali, ir-realtà hija dejjem kumplessa u bosta drabi jkollha diversi sfondi. Infatti, waħda mill-implikazzjonijiet tal-evidenza orali hija li din tagħti leħen lil dawk l-individwi li għal xi raġuni jew oħra jkunu ġew injorati u l-ġrajja tagħhom ma tkun qatt ingħatat widen. Ċertament, dettalji li jafu joħorġu minn uħud minn dawn ir-rakkonti, jafu jisfidaw xi suppożizzjonijiet u xi ġudizzji li dejjem ġew aċċettati mill-istoriċi. Iżda fl-istess ħin, deċiżjonijiet bħal dawn iservu wkoll biex in-nies jiktbu l-istorja tagħhom fi kliemhom (Thompson 1978: 226). Dan l-istudju se jippreżenta parti mill-folklor li huwa assoċjat mal-ġurnata partikolari tas-6 ta' Lulju 1614 u mal-attakk li wettqu t-Torok, speċjalment f'dak li jikkonċerna lill-parroċċa l-antika taż-Żejtun li hija ddedikata lil Santa Katarina, imma li llum insibuha bħala Ta' San Girgor; lill-passaġġi sigrieti li jinsabu ġewwa din il-knisja u li fihom instabu għadd ta' skeletri umani flimkien ma' xi oġġetti; u l-purċissjoni tradizzjonali nazzjonali li tiġi ċċelebrata kull sena f'dan is-santwarju.

## METODOLOĠIJA

L-investigazzjoni tiegħi għal dan l-istudju kienet tinvolvi kemm riċerka għal dak li diġà nkiteb kif ukoll riċerka fost in-nies u fuq il-post. L-ewwel tip ta' tiftix sar sabiex jiġi evalwat dak li ġie ddokumentat dwar dawn it-temi, filwaqt li l-istħarriġ l-ieħor kellu l-għan li jirrekordja l-evidenza orali li tista' twassal għall-konferma ta' dak li ntqal qabel, inkella biex tqanqal mistoqsijiet ġodda.

## IL-PARROĊĊA L-ANTIKA TAŻ-ŻEJTUN

Għal diversi raġunijiet, il-parroċċa l-antika taż-Żejtun hija involuta sewwa f'dan l-attakk tat-Torok li sar 400 sena ilu (Fig. 1). Fil-fatt, f'dan il-perjodu, din l-istruttura kienet tifforma parti mis-sistema ta' difiża militari ta' dawk l-inħawi, kif juru t-tliet passaġġi li nbnew ġewwa fiha (Abela 2006: 52). Barra minn hekk, kif kien dejjem jiġri waqt ħbit bħal dan, f'din it-taqtigħa partikolari, din il-binja ġiet attakkata severament mill-invażuri, fejn fosthom dawn ħarqu l-artali u l-pitturi li kienu jżejnuha (Vella 2013, Novembru 13), filwaqt li kkawżaw ukoll xi ħsarat strutturali, tant li l-knisja ma setgħetx tiġi użata għal numru ta' xhur (Vella 1927: 99-101). Dan kollu huwa deskritt f'iskrizzjoni li tinsab f'din il-knisja stess fejn wieħed isib informazzjoni dwar dan l-attakk u anki nota dwar il-ħsara li ġarrbet din il-binja, hekk kif mis-6 ta' Lulju sal-11 ta' Settembru 1614, it-tfal li twieldu fil-parroċċa taż-Żejtun, kellhom jitgħammdu f'parroċċi oħra (Fig. 2).



Figura 1. Il-parroċċa l-antika ddedikata lil Santa Katarina, illum magħrufa bħala Ta' San Girgor, fiż-Żejtun.

## IL-PASSAĠĠI SIGRIETI

Għal diversi snin, l-anzjani tar-raħal kienu jirrakkuntaw illi madwar il-koppla tal-parroċċa l-antika taż-Żejtun, kien hemm numru ta' passaġġi sigrieti li fihom kien hemm grupp ta' nies li kienu nqatlu u ndifnu hemmhekk waqt attakk tat-Torok fl-inħawi. Ħadd ma jaf kif jew meta tnissel dan l-għajdut. Imma sal-1969, ħafna kienu jemmnu li din il-ġrajja kienet biss leġġenda, l-aktar minħabba li wara diversi tiftix fil-knisja, dawn il-passaġġi baqgħu qatt ma nstabu. Probabbli waħda mir-raġunijiet dwar dan kien illi fir-realtà dawn il-passaġġi ma kinux jinsabu madwar il-koppla kif kien jingħad, imma ġewwa l-ħitan tal-kappelluni tan-naħa tal-Lvant. Barra minn hekk, il-ħames fetħiet dojoq li hemm f'dawn il-passaġġi, li jagħtu għal fuq ir-Ramla ta' San Tumas, Wied il-Għajn, il-Forti San Tumas, Marsaxlokk u l-Forti San Luċjan, kienu kollha imblukkati bil-ġebel u għalhekk ma kinux jidhru min-naħa ta' barra tal-knisja (Abela 2006: 51-52).



A DI 6 LUGL: 1614
L'ARMATA TORCHESCA IN NUMERO DI 60 GALERI, IN GIORNO DI DOMENICA NEI HORI INANZI DI, ED HA BUTATO GENTI IN TERRA NELLA CALA DI S. TOMASO NOMINATA IL GHIZIRA CIRCA SEI MILA PERSONA, E VENNERO NELLI CASALI ED ARRIVARONO FINO ALLA HAIRA DEL FEDO DI BULEBEL, HANNO AMAZZATO DIVERSI ANIMALI, HANNO SACHEGGIATO DETTI CASALI ED HANNO ABBRUSIATO TUTTI LI HAIRI, HANNO RUINATO A S. CATARINA CON TUTTI LI ALTRI ECCLESII E SONO STATI PRESI PARECCI DI LORO AMMAZATI E SEGUITATI IN SINDO LA MARINA, E NON È STATO PRESO NESSUNO DEI CRISTIANI E DELLI CRISTIANI SONO STATI FERITI IN CIRCA DI VENTI E DI QUEL DI SINO L'INFRASCRITTA GIORNATA 11 SETTEMBRE 1614. LI FILIOLI DI QUESTA PARROCHIA CHI SONO STATI NATI, SONO STATI BATTIZATTI IN ALTRI PARROCHII. ESTRATTA DAL SECONDO LIBRO DEI BATTESIMI DI QUESTA PARROCHIA.

Figura 2. L-iskrizzjoni li tinsab fil-parroċċa l-antika taż-Żejtun li tiddeskrivi l-attakk li seħħ fl-1614.

Nota miktuba li tinsab flimkien ma' xi oġġetti li nstabu f'dawn il-passaġġi tgħid illi dan is-sit instab fit-12 ta' Marzu 1969 (Fig. 3). Iżda l-ġurnal *Times of Malta* rrapporta din is-sejba fil-15 t'April 1969. F'dan l-artiklu tħabbar illi John M. Debono, membru taż-*Żejtun Historical Society*, kien skopra kuritur f'forma ta' U li kien jinsab ftit piedi 'l isfel mill-bejt. Il-kuritur kien idur madwar il-kappelluni tan-naħa tal-Lvant tal-knisja. Ritratt li jakkompanja lil dan l-artiklu juri lil Debono baxxut biswit il-fdalijiet umani u f'idejh kellu ras ta' skeletru. Dan l-artiklu jkompli jispjega kif skont Prof. Quentin Hughes, li kien il-Kap tad-Dipartiment tal-Arkitettura tal-Università Rjali, dan il-kuritur seta' serva bħala torri tal-għassa peress li l-knisja kienet mibnija fuq art pjuttost għolja li tidher sewwa




Figura 3. Nota miktuba bl-idejn li tinsab flimkien mal-oġġetti li nstabu fl-1969 ġewwa l-passaġġi sigrieti.

mit-torrijiet u l-ibliet tal-madwar. Infatti Hughes issuġġerixxa illi din il-knisja setgħet faċilment serviet bħala post intermedjarju minn fejn kienu jintbagħtu s-sinjali tal-allarm (*Times of Malta* 15 April 1969: 9).

Fl-istess ħin, huwa importanti li nsemmu wkoll illi waqt din l-iskoperta tal-1969, ġie nnutat xi tinqix fuq ġebla li tifforma parti mill-ħajt li jagħti għat-tielet passaġġ. Dan it-tinqix kien juri l-inizjali V.A u C.Z. flimkien mad-data 19.2.09, u għalhekk dan ta x'jifhem illi probabbilment, xi individwi kienu diġà daħlu f'dak il-post madwar sittin sena qabel. Skont Walter R. Zahra, fundatur ta' *Żejtun Historical Society*, dawn iż-żewġ persuni kienu ġew traċċati. "Huma kellhom idea vaga dwar

kif xi adulti kienu sabu dawn il-passaġġi proprju bl-istess mod kif reġgħu ġew skoperti fl-1969, imma apparentement, dak iż-żmien il-pubbliku ma ġiex mgħarraf b'din is-sejba. Ma ngħatat l-ebda raġuni l-għala nżamm dan is-sigriet imma minħabba li l-vittmi tal-pesta tal-1810 kienu ndifnu fiċ-ċimiterju li jinsab biswit din il-knisja, u peress li l-ebda vittmi tal-pesta ma setgħu jintmessu qabel jgħaddu 100 sena, probabbilment, dawk li daħlu fil-passaġġi fl-1909 kienu ħasbu li dak l-għadam seta' kellu x'jaqsam mal-pesta u għalhekk huma ħarġu bil-ġiri minn dak il-post." (Zahra 1989: 23 - Traduzzjoni).

Min-naħa l-oħra, ir-riċerkatur Carmelo P. Baldacchino infurmani li fl-1969, wara li nstabu dawn il-passaġġi u dan it-tinqix, l-Arċipriet ta' dak iż-żmien kien irnexxielu jkellem lil wieħed minn dawn il-persuni. Dan kien ċertu Carmelo Zahra magħruf bħala 'ir-Rangu', u ammetta mal-Arċipriet illi fid-19 ta' Frar tal-1909, huwa kien daħal ġewwa dawn il-passaġġi flimkien ma' grupp ta' nies oħra. Dakinhar, f'dawn il-passaġġi kienu lemħu xi skeletri lebsin ta' suldati u ħdejhom dawn kellhom xi armi u bnadar żgħar. Zahra ddikjara illi xi individwi li kienu miegħu kienu ħadu xi affarijiet li sabu f'dawn il-passaġġi u kienu heddu lill-oħrajn biex ma jitkellmux. U fil-fatt, ħadd ma fetaħ ħalqu.

Intant, Baldacchino qalli wkoll illi ċertu Grezzju Vella miż-Żejtun, kien qed isostni illi Debono ma kienx qed jgħid il-verità dwar din l-iskoperta tal-1969, peress li kien hu li sab dan il-post l-ewwel b'mod aċċidentali. Iltqajt ma' Grezzju Vella sabiex nisma' l-istorja tiegħu. Hu rrakkuntali kif fl-1969, waqt li kien qed jgħin lil zijuh Carmelo Spiteri u lil sieħbu Ċikku Zammit, li kienu qed jagħmlu l-manutenzjoni fuq l-aperturi tal-injam tal-parroċċa l-antika taż-Żejtun, Dun Ġwann Palmier kien talabhom biex jagħtu titwila fuq il-bejt peress li spiss kien qed jidħol l-ilma tax-xita. "Kont qed nipprova ngħaddi l-ħin sakemm l-oħrajn ilestu xogħolhom fuq il-bejt u għalhekk intfajt bilqiegħda f'post minnhom u b'aljenazzjoni qbadt nigref f'ħofra żgħira li sibt. Skantajt meta aktar ma bdejt nigref, bdejt ninnota li kienet qed tinfetaħ speċi ta' toqba, u din f'ħin minnhom tant twessgħet li ddeċidejt li nitfa' ġebla għal isfel ħalli nara kemm kienet ser tieħu ħin biex nismagħha taqa' ġewwa l-knisja. Hekk għamilt imma sorprendentement intbaħt li minflok waqgħet għal isfel, il-ġebla li tfajt kienet donnha waqfet xi mkien taħti. Sejjaħt lill-oħrajn u għall-ewwel dawn ma tantx taw kasi, sakemm deher biċ-ċar li bil-grif tiegħi kont kxift kantun. Għalhekk zijuwi ħeġġiġni biex inkompli għaddej sakemm naqilgħu u mimli kurżità ħaffift biex naqla' s-siment li kien hemm madwaru. Hekk kif qlajna l-kantun minn postu, sibna illi dan kien qed jissiġilla b'mod perfett il-fetħa għal xi kamra li kien hemm taħt." (Vella, April 2011).

Vella ddeskriva kif f'dak il-punt, huma ddeċidew li jgħarrfu lil Dun Ġwann Palmier b'dak li sabu, u dan sejjaħ lis-sagristan John M. Debono sabiex jiċċekkja miegħu jekk kienx jaf fejn tagħti dik il-fetħa. Debono stqarr li ma kienx jaf b'dak il-post u għalhekk ġie deċiż li peress li Vella kien l-aktar żagħżugħ minnhom u anki l-irqaq wieħed, huwa kellu jintrabat b'ħabel u jitniżżel fil-ħofra ħalli permezz tan-nar tas-sulfarini, jara ftit x'kien hemm hemm taħt. "Bdejt nixgħel sulfarina wara l-oħra u nittawwal malajr bid-dawl li jagħmlu. Domt miexi mhux ħażin sakemm f'daqqa waħda ħadt l-impressjoni li kont wasalt fit-tarf. Intbaħt li kont qed nirfes fuq xi affarijiet u għaldaqstant bdejt nipprova nħoss b'idi sabiex nifhem x'kien hemm quddiemi. F'ħin minnhom idejja sabu xi ħaġa li kienet qed tistrieħ mal-ħajt. Kien hemm dlam ċappa u hekk kif bdejt inteftef b'subgħajja, ħassejt oġġett li kellu żewġ toqbiet u ftit wara, missejt bħal ringiela snien taħt idejja! Inħsadt għall-mewt meta indunajt li kelli ras ta' skeletru f'idi!" Imbellah b'dak li ġralu, Vella telaq kollox minn idejh u ġera lejn l-oħrajn biex jgħidilhom b'dak li sab. Dakinhar stess, bil-qatgħa li ħa, raxx kbir tela' ma' ġismu kollu u Vella spiċċa marid u maqful id-dar għal xhur sħaħ. Fl-opinjoni tiegħu, dan il-fatt offra l-opportunità lill-oħrajn biex jirrakkuntaw li jridu u jfasslu l-istorja mod ieħor, fejn hu spiċċa qatt ma ssemma. Meta jiena staqsejtu l-għala kien qed jitkellem issa, wara li kien żamm fis-silenzju għal aktar minn erbgħin sena, Vella sostna li kien qed iħoss li wasal iż-żmien li tingħad il-verità dwar din il-ġrajja għax kien xeba' jisma' gideb. Biex jikkonferma dak li kien qalli, huwa saħansitra tela' miegħi fuq il-bejt ta' din il-knisja ħalli jindikali l-post eżatt minn fejn kienu daħlu dakinhar.

## OĠĠETTI MISJUBA

Waqt ir-riċerka tiegħi sibt illi fost il-kotba li kienu jirreferu għal din l-iskoperta li saret fl-1969, numru minnhom kienu jsemmu wkoll ġabra ta' oġġetti li kienu nstabu fil-passaġġi sigrieti flimkien mal-għadam uman. Intant, kważi l-kitbiet kollha kienu jsemmu dawn l-oġġetti: qiegħ ta' żarbun tal-injam bit-takkuna, għamla ta' salib tal-injam b'disinn Biżantin, biċċiet tal-injam li jidhru li kienu parti minn kwadru (forsi ta' xi ikona), tliet muniti: tnejn tal-bronż bis-salib tal-Ordni fuqhom, u waħda tad-deheb fi stat mikul ħafna tant li ma seta' jinqara xejn minn fuqha, u biċċiet tal-fuħħar tas-sekli 16 u 17 (Zahra 1989: 27).

Inzerta li meta kont għadni daqsxejn ta' tifla li diġà kelli interess kbir f'din il-knisja u fl-istorja u fil-leġġendi tagħha, waqt li kont qed nosserva xi ħaġa f'dan il-post, lemaħni l-Kanonku Dun Joe Abela u fid-daqqa tal-mument, għarrafni li kien iddeċieda li jurini xi ħaġa interessanti. Infatti huwa tellagħni miegħu fil-garigor li jagħti għall-passaġġi sigrieti u għal fuq il-bejt tal-knisja, u daħħalni f'kamra li tinsab matul dan it-taraġ. Hemmhekk huwa laqqagħni ma' din



Figura 4. Sezzjoni mill-armarju li bħalissa l-oġġetti misjuba huma miżmuma fih.

il-kollezzjoni ta' oġġetti li kienu nstabu mal-iskeletri. L-affarijiet kienu magħluqa f'armarju tal-injam. Naturalment, impressjonajt ruħi mhux ħażin imma sfortunatament dakinhar, ma kellix kamera miegħi u għalhekk ma ħadt l-ebda rikordju tagħhom, ħlief għal stampa ċara maħruqa fil-memorja tiegħi li bqajt qatt ma nsejt akkost li għaddew bosta snin. Infatti fit-30 sena li għaddew minn dakinhar, sa fejn naf jien, qatt ma qrajt xi kitbiet dwar dawn il-fdalijiet u daqstant ieħor qatt ma rajt xi ritratti tagħhom ippubblikati. U meta ddeċidejt li nittanta nerġa' nsibhom wara dan iż-żmien kollu, sibt li dawn kienu saru jiffurmaw parti mil-leġġenda tal-post għax ħafna individwi lanqas biss kellhom idea li dawn kienu jeżistu tassew, aħseb u ara kemm kienu konxji li dawn l-oġġetti kienu qegħdin f'dik il-knisja stess! Kienu biss Dun Joe Abela u Dun Gino Gauci li kellhom idea dwarhom.

Finalment, bil-għajnuna ta' Dun Gauci rnexxieli nsib dawn l-oġġetti mill-ġdid. Fil-fatt, huma kienu maħżuna ġewwa spazju magħluq fl-istess kamra li kont rajthom tant snin qabel flimkien ma' Dun Abela. Kienu għadhom maqfula fl-istess armarju u mpoġġija u minsija ma' ħajt ma' għadd ta' oġġetti oħra. Għalkemm jiena u Dun Gauci ppruvajna nsibu ċ-ċavetta biex nifthu l-armarju li kien imsakkar, ma rnexxilniex nindividwawha u b'hekk ħadt ir-ritratti ta' dawn l-oġġetti kif stajt, minn wara ħġieġa mimlija trab. Nota ġewwa l-armarju li ormaj il-linka tagħha ntfiet kważi għalkollox kienet tgħid illi dawk kienu l-oġġetti li nstabu fil-passaġġi fit-12 ta' Marzu 1969. Innutajt li wħud mill-oġġetti kienu qed juru sinjali serji ta' deterjorament, fosthom is-salib tal-injam bid-disinn Biżantin minħabba li l-musmar li ssammar bih mal-armarju ssaddad. Anki l-armarju nnifsu kien jinsab f'qagħda xejn tajba, tant li kantuniera mill-ħġieġa li suppost kienet qed tagħlqu, kienet miksura, u għalhekk kienet dieħla l-arja ħdejn l-oġġetti. B'danakollu, xorta waħda kont kuntenta li almenu dawn il-fdalijiet kienu għadhom fi ħdan din il-knisja u miġburin kollha flimkien, għalkemm fejn qegħdin bħalissa, ħadd ma jista' jarahom u jgawdihom (Fig. 4).

## IL-FDALIJIET UMANI

Fil-ktieb tiegħu *The Old Church of St Gregory at Żejtun*, Walter R. Zahra jikteb, "Mill-qagħda li sibna l-għadam fiha, jidher li għall-ewwel kien sar tentattiv sabiex dawn il-fdalijiet jitpoġġew f'ordni, peress li sibna tnejn jew tliet skeletri kompluti lejn it-tarf tal-passaġġ, imma probabbilment wara ftit instab li dan kien ser jieħu wisq żmien u għalhekk il-bqija tal-għadam donnhom inxteħtu gozz lejn in-naħa ta' ġewwa tal-passaġġ, imma hekk kif dan l-għadam kien qed jinġarr mill-passaġġi ta' barra, xi partijiet intilfu u spiċċaw indifnu taħt it-trab li kien hemm mal-art: nofs ras ta' skeletru, żewġ għadmiet ta' xedaq, pelvis u biċċiet oħra nstabu fit-trab tal-ewwel passaġġ." (Zahra 1989: 28 - Traduzzjoni).

Zahra kompla jispjega kif iż-*Żejtun Historical Society* ippruvat takkwista aktar informazzjoni dwar dan l-għadam billi ħadet xi kampjuni fil-British Museum ta' Londra. Madanakollu, minn dan il-mużew huma ġew infurmati illi ma setax isir *carbon-testing* minħabba li l-għadam kien ilu ħafna żmien espost għall-arja. Qalulhom ukoll illi l-għadam ma kien qed juri l-ebda sinjali li ndifen fil-ħamrija ħamra Maltija (Zahra 1989: 29).

Iżda minn studji paleopatoloġiċi u antropoloġiċi li twettqu fuq dawn il-fdalijiet umani (Fig. 5) minn Seshadri Ramaswamy u Joseph Leslie Pace, u li



Figura 5. Il-fdalijiet umani li nstabu fil-passaġġi sigrieti tal-parroċċa l-antika taż-Żejtun

dwarhom huma ħarġu rapporti dettaljati li ġew ippreżentati fl-1979 u fl-1980, ħarġet informazzjoni li ma kinetx taqbel ma' dak li għadni kif semmejt (Ramaswamy u Pace 1979, 1980). Infatti huma ddikjaraw li "Ħafna mill-iskeletri kienu jinsabu f'qagħda preservata tajba ħafna, probabbilment minħabba l-fatt li dawn kienu jinsabu f'passaġġ kompletament mgħotti imma li kien arjuż u għalhekk ma ġewx suġġetti għal aktar azzjoni mill-elementi tan-natura." (Ramaswamy u Pace 1980: 56 - Traduzzjoni). L-istima tal-età tal-irjus kienet tindika illi "20 (83%) tal-irjus femminili kienu ta' età taħt l-40 sena, filwaqt li 11 (58%) tal-irjus maskili kienu ta' età ogħla minn 40 sena" (Ramaswamy u Pace 1980: 56-57 - Traduzzjoni). Ma kienx possibbli li tiġi identifikata r-raġuni tal-mewt ta' dawn l-individwi imma mill-kundizzjoni tal-iskeletri u mill-kulur tal-għadam, kien jidher illi ż-żmien tal-mewt kien ivarja minn individwu għal ieħor, għalkemm ma kienx improbabbli li dawn mietu f'perjodu qasir minn xulxin (Ramaswamy u Pace 1980: 63). Fl-opinjoni tagħhom, dawn il-passaġġi setgħu għamlu xi żmien jintużaw bħala ossarju, fosthom minħabba d-diskrepanza kbira fl-ammont ta' għadam li nstab u anki minħabba traċċi ta' ħamrija li nstabu fi wħud mill-*vertebrae*. Skont dawn l-istudjużi, din l-evidenza tal-aħħar tindika illi dan l-għadam kien midfun xi mkien ieħor qabel inġabar u ttieħed fil-post fejn finalment instabu (Ramaswamy u Pace 1980: 65-68).

Madanakollu, uħud għandhom dubji kbar dwar kif dan l-għadam sab ruħu ġewwa dawn il-passaġġi peress li huma jsibuha diffiċli biex jifhmu x'sens tagħmel li taqla' għadam midfun, tiġbru u ġġorru biex tpoġġih f'post inkrepattiv u xejn prattiku, meta biswit il-knisja hemm ċimiterju u għalhekk faċilment seta' jinstab spazju fejn dan l-għadam seta' jitpoġġa (Zahra 1989: 29).

## TRADIZZJONIJIET U LEĠĠENDI

Wara s-sejba tal-fdalijiet umani fil-passaġġi sigrieti li seħħet fl-1969, Walter R. Zahra kiteb ballata sabiex permezz tagħha jirrakkonta t-teorija tiegħu dwar kif dawn l-individwi setgħu spiċċaw f'dak il-post. Din l-ipoteżi tiegħu ġiet ippubblikata wkoll f'*The Times of Malta* fejn ġie ssuġġerit illi waqt attakk għal għarrieda mit-Torok, xi individwi li ma laħqux skappaw mir-raħal u li kienu jafu b'dawn il-passaġġi fil-knisja, telgħu hemmhekk ħalli jistaħbaw sakemm jgħaddi kollox. Iżda sfortunatament, hekk kif it-Torok ħabtu għall-knisja u bdew iqallbu kull m'hemm, huma ntebħu b'dawn l-imsejkna u baqgħu sakemm qatluhom u imblukkawhom fil-passaġġi (*Times of Malta*, 15 April 1969). L-istorja tkompli tinseġ il-ħsieb li hekk kif ir-raħħala l-oħra rritornaw lejn iż-Żejtun, dawn skoprew l-iġsma tal-vittmi fi stat qawwi ta' dekompożizzjoni u għalhekk ma setgħux imissuhom. B'hekk ma kien hemm l-ebda għażla ħlief li jissiġillaw il-post, sakemm dan maż-żmien intesa kważi kompletament, ħlief għall-għajdut li rnexxielu jsalva matul il-medda tas-snin.

Fatt interessanti huwa illi għalkemm m'għaddiex wisq żmien minn meta Zahra kiteb din il-ballata, jidher li din il-forma poetika tiegħu ntesiet u minflok f'moħħ iż-Żwieten baqgħet biss din il-ġrajja li spiċċat tifforma parti mil-leġġenda tal-passaġġi sigrieti. Eventwalment, it-taħlit bejn tifkiriet u leġġendi twaħħdu u tħabblu mhux ħażin flimkien sakemm in-nies tal-post bdew jemmnu illi dawn l-iskeletri li nstabu fil-passaġġi sigrieti tal-parroċċa l-antika taż-Żejtun kienu ta' nies li nqatlu mit-Torok waqt l-attakk tas-6 ta' Lulju 1614.

## IL-PURĊISSJONI NAZZJONALI ANNWALI TA' SAN GIRGOR

Ħadd ma jaf fiż-żgur għal liema raġuni jew kif bdiet din il-purċissjoni. Infatti waqt ir-riċerka tiegħi sabiex insib traċċi tal-oriġini tagħha, iltqajt ma' diversi spjegazzjonijiet, u l-aktar waħda antika ħaditni lura saħansitra sal-1095, fejn E. B. Vella fil-ktieb tiegħu *History of Żejtun and Marsaxlokk* (126), isemmi illi f'dokument tal-Kurja Episkopali ta' Katanja, huwa kien sab nota li din il-purċissjoni kienet ġiet imwaqqfa bħala wegħda mill-Isqof ta' Malta, Mons. Birando, fejn hu stess kien ipparteċipa bil-mixi mill-Katidral tal-Imdina saż-Żejtun (Zahra 1989: 19).

Min-naħa l-oħra, fil-ktieb tiegħu *Descrizione di Malta* (1647), Fra Giovan Francesco Abela ddikjara illi f'dak iż-żmien, għal din il-purċissjoni kienu jipparteċipaw madwar 30,000 persuna, li għal dak il-perjodu kien ammont sinifikanti, l-aktar meta tqis illi l-popolazzjoni ta' Malta kollha kienet tlaħħaq madwar 60,000 persuna (Vella 1927: 119).

Sadanittant, waqt il-vista pastorali ta' Mons. Dusina fl-1575 fiż-Żejtun, huwa kien staqsa lill-anzjani tal-post sabiex ifehmuh x'kienet l-oriġini u r-raġuni ta' din il-purċissjoni li kienet tibda mill-Katidral tal-Imdina u tispiċċa fil-parroċċa l-antika tal-villaġġ tagħhom. Għalkemm ħadd minnhom ma kien jaf jagħtih informazzjoni dwar l-oriġini ta' din il-purċissjoni, l-anzjani qablu kollha illi din kienet ilha ssir minn żmien żemżem. Min-naħa l-oħra, huma taw raġunijiet varji dwar l-għala din il-purċissjoni kienet twaqqfet. Fost dawn l-opinjonijiet kien hemm żewġ ipoteżi li l-aktar li ssemmew: waħda kienet tittratta l-ħelsien tal-gżejjer mis-saħta ta' pesta qalila, filwaqt li l-oħra kienet assoċjata ma' tempesta kbira li qamet f'daqqa u li qerdet flotta Torka li kienet ġejja tattakka lil Malta u b'hekk pajjiżna ffranka l-għawġ (Vella 2009, April 12).

Fost l-opinjonijiet kollha, skont Zahra, it-tweġiba dwar ir-raġuni għala bdiet din il-purċissjoni possibilment instabet f'dawn l-aħħar snin minn Patri Mikiel Fsadni li fil-ktieb tiegħu *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620* (1965: 258), qal li kien iltaqa' ma' dokument fl-Atti tal-Kurja tan-Nutar Vincenzo Bonaventura de Bonetiis, datat 12 ta' Marzu 1543, fejn kien hemm iddikjarat illi f'dik il-ġurnata partikolari, l-Isqof Cubelles kien qed iwaqqaf purċissjoni ddedikata lil San Girgor bħala talba lil Alla biex tinżamm il-paċi fl-Ewropa, waqt żmien ta' periklu (Zahra 1989, nota fl-aħħar tal-ktieb).

Sal-1926, din il-purċissjoni kienet għadha tiġi ċċelebrata b'mod grandjuż u fiha kienu jipparteċipaw l-ogħla membri tal-Kleru u l-konfraternitajiet kollha ta' Malta. Iżda fl-1926, minħabba xi diżgwid li nqala' bejn xi parroċċi li kien relatat ma' drittijiet ta' preċedenza, l-Arċisqof Mawru Caruana ddeċieda li jqassar u jnaqqas din iċ-ċelebrazzjoni b'mod konsiderevoli. Eventwalment, aktar bidliet matul is-snin komplew naqqsu sostanzjalment mill-importanza ta' din id-drawwa, tant li llum din iċ-ċelebrazzjoni mhix ħlief dell ta' dak li kienet qabel (Vella 2009, April 12). Sadanittant, fatt interessanti huwa illi fil-preżent, uħud minn dawk li jipparteċipaw f'din il-purċissjoni annwali jaħsbu li din iċ-ċerimonja ssir bħala ringrazzjament talli l-Maltin flimkien mal-Ordni rnexxielhom jirbħu mill-ġdid lit-Torok dakinhar tas-6 ta' Lulju 1614.

## KONKLUŻJONI

Minn din ir-riċerka huwa evidenti illi għad hemm wisq mistoqsijiet li baqgħu qatt ma twieġbu u li hemm bżonn li jiġu investigati sabiex iż-Żejtun jiġbor mill-ġdid l-istorja tiegħu. Fost dawn, hemm il-ħtieġa li jsiru analiżi xjentifiċi fuq l-għadam uman li nstab fil-passaġġi sigrieti. Ikun tassew eżerċizzju sinifikanti li kieku jsiru testijiet ta' *carbon-dating* u DNA fuqhom ħalli b'hekk tinkiseb aktar informazzjoni siewja dwarhom. Barra minn hekk, hemm ukoll l-oġġetti li nstabu flimkien mal-fdalijiet umani li m'hemmx dubju li jixirqilhom li jkunu studjati, restawrati, konservati u eventwalment anki esebiti, idealment fil-knisja stess, fejn wara kollox dawn jappartjenu. Nemmen ukoll li malajr kemm jista' jkun għandna niġbru u nirrekordjaw sewwa d-dikjarazzjonijiet tal-individwi kollha li b'xi mod huma involuti f'din l-istorja u li jħossu li għandhom xi ġrajja relatata x'jirrakkuntaw, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mas-sejba tal-passaġġi sigrieti u x'kien hemm fihom. Idealment dawn ir-riżorsi primarji għandhom jittieħdu mingħand l-individwi stess u mhux mingħand ħaddieħor li semagħhom jgħidu xi ħaġa, bħal kif se jkollna nagħmlu dwar dawk il-persuni li laħqu mietu. Wara 45 sena mid-data ta' din l-iskoperta storika, li dwarha sar ftit li xejn, jekk fil-fatt qatt sar xi ħaġa, nisħaq li wasal iż-żmien li ninvestu ħafna aktar xogħol sabiex naslu għal aktar risposti definittivi u konklużivi. Finalment, ma nistax inħalli barra l-purċissjoni annwali tradizzjonali li qiegħda titħalla tmut mewta naturali sforz in-nuqqas ta' interess u l-passività li kultant pajjiżna hu marid biha f'dak li għandu x'jaqsam ma' qasam storiku u kulturali. Tkun ħaġa meraviljuża li kieku aktar riċerka ssib mezz kif tikxef l-oriġini ta' din il-wegħda antika. U ċertament inkunu għamilna pass kbir 'il quddiem li kieku jirnexxilna nagħtu l-ħajja mill-ġdid lill-entużjażmu u lill-ġmiel li din it-tradizzjoni kienet mogħnija bihom, sabiex b'hekk, anki permezz ta' dan, insaħħu aktar il-wirt kulturali tagħna, filwaqt li b'dawn il-ġrajjiet, b'dawn il-binjiet, u b'dawn it-tradizzjonijiet, niġbdu aktar turiżmu li tant hu bżonjuż, lejn dawn l-inħawi tax-Xlokk ta' Malta.

## REFERENZI


ABELA, J. (2006). *Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet.* Santa Venera: Klabb Kotba Maltin.

RAMASWAMY, S., & PACE, J., L. (1980). The Medieval Skeletal Remains from St Gregory's Church at Żejtun (Malta): Part II. Anthropological Studies. *Archivio Italiano di Anatomia e di Embriologia,* Vol. LXXXV, Fasc. 1, 55-69.

RAMASWAMY, S., & PACE, J., L. (1979). The Medieval Skeletal Remains from St Gregory's Church at Żejtun (Malta): Part I. Paleopathological Studies. *Archivio Italiano di Anatomia e di Embriologia,* Vol. LXXXIV, Fasc. 1, 43-53.

THOMPSON, P. (1978). *The Voice of the Past: Oral History.* London: Oxford University Press

TIMES OF MALTA. (15, April 1969). 'Skeletons Found in Hidden Żejtun Corridor', 9.

VELLA, E. B. (1927). *Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk.* Malta: Empire Press.

VELLA, F. (2014, Marzu 16). '600 Sena ta' Memorja Pubblika'. Miġbur fit-28 ta' Lulju 2014 minn http://fionavella.com/features/2014/03/600-sena-ta-memorja-pubblika/

VELLA, F. (2013, Novembru 13). 'Mużew Żgħir bi Stejjer Kbar'. Miġbur fit-28 ta' Lulju 2014 minn http://fionavella.com/features/2013/11/muzew-zghir-bi-stejjer-kbar/

VELLA, F. (April 2011). 'Look out Behind You'. *First Magazine,* 34-36.

VELLA, F. (2009, April 12). 'Il-Purċissjoni ta' San Girgor: Tradizzjoni jew Fidi?' Miġbur fit-28 ta' Lulju 2014 minn *http://fionavella.com/features/2009/04/il-purcissjoni-ta-san-girgor-tradizzjoni-jew-fidi/*

ZAHRA, W. R. (1989). *The Old Church of St Gregory at Żejtun.* 2 edizzjoni (rivedut). Malta: Harrild Press Co. Ltd.